# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 3 ta' Settembru, 2024.**

**Numru 10**

**Rikors numru 287/20/1 MH**

**Avukat Dr Malcom Mifsud għan-nom u in rappreżentanza ta' Loaonnis Anastrassiades residenti f'Ċipru u Sterfoce Investments Limited soċjetà reġistrata f'Ċipru**

**v.**

**Alain Mangion u Credinvest International Corporate Finance Limited (C-21795)**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell tal-konvenuti minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li permezz tagħha laqgħet it-talba tal-atturi għal dikjarazzjoni ta' rikonoxximent u ta' eżegwibilità ta' sentenza *ossia*

tranżazzjoni ġudizzjarja emessa minn qorti f'Ċipru fl-isfond tar-Regolament Ewropew 1215/2012.

**Daħla**

2. B'rikors tat-8 ta' Mejju, 2020 l-**Avukat Dottor Malcolm Mifsud għan-nom u in rappreżentanza ta' Ioannis Anastrassiades u tas-soċjetà Sterfoce Investments Limited,** residenti u reġistrati rispettivament ġewwa Ċipru, ippremettew u talbu s-segwenti:

> "Illi Ioaonnis Anastrassiades u Sterfoce Investments Limited ottenew titolu eżekuttiv favur tagħha fil-konfront ta' l-intimat u s-soċjetà intimata u dan, permezz ta' sentenza datata 6 ta' Lulju, 2018, mill-Qorti Distretwalli ta' Nicosia (Dok.A);
>
> Illi permezz tal-istess ir-rikorrenti ġew kanoniżżati kreditriċi ta' l-intimat u tassoċjetà intimata fl-ammont ta' erbgħa mitt elef ewro (€400.000), oltre ħmistax - il elf Euro (€15,000), oltre VAT fuq il-€15,000, oltre imgħax ta.3.5% fuq l-istess.
>
> Illi s-sentenza estera fuq riferiti għandha tiġi reza ezegwibbli f'Malta skont il-liġi stante li hi res judicata , u dan ai termini tar-regolament tal-Kunsill (KE) Numru 44/2001 (u b'digriet tal- 1 ta' Novembru, 2023 in-numru 44/2001 għandu jaqra EU 1205/2012) tat-Diċembru, 2001, u tal-artikolu 825A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, (minn issa 'i quddiem Kap 12).
>
> Illi għaldaqstant aderiet din il-qorti biex din: Tiddikjara li s-sentenza estera fuq indikata tiġi rikonoxxuta u dikjarata eżeġwibbli għall-effetti kollha tal-liġi fuq indikati;
>
> Bl-ispejjeż kontra s-soċjetà intimata".

3. B'risposta tat-12 ta' Jannar, 2021 il-konvenuti **Alain Mangion u Credinvest International Corporate Finance Limited (il-Konvenuti)**

permezz tal-Avukat Dottor Jonathan Abela ressqu l-eċċezzjonijiet segwenti:

> "1. Illi preliminarjamnet ir-ikorrrenti noe għandu jiċċara u jikklarifika l-bażi legali tat-talba tiegħu għaliex huwa biss meta dan isir li l-intimati jkunu f'posiżżjoni li jippresentaw risposta dettaljat sabiex jiddefendu lilhom innfushon u jirribattu l-pretensjonijiet tar-rikorrenti noe u għalhekk l-intimati jirriżervaw id-dritt li jippreżentaw risposta ulterjuri meta issir din il-kjarifika da parti tar-rikorrenti noe.
>
> 2. illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u subordinatament l-intimati jeċċepixxu illli t-talba tar-rikorrenti noe hija nfondata kemm proċeduralment u kemm fis-sustanza, u dan kif se jiġi ampjament ipprovat fil-mori tal-kawża."

4. Fl-ewwel udjenza tas-17 ta' Mejju, 2021 l-avukat tal-konvenuti informat lill-Ewwel Qorti illi kien hemm possibbilità ta' tranżazzjoni.

5. Ingħataw differimenti oħra sakemm fl-udjenza tat-12 ta' Jannar, 2022 l-avukat tal-atturi informa lill-Ewwel Qorti illi l-partijiet kien għadhom ma laħqux tranżazzjoni u għalhekk il-kawża tħalliet għall-provi.

6. Wara li l-partijiet ressqu l-provi tagħhom u saret it-trattazzjoni finali l-Ewwel Qorti ppronunzjat is-sentenza finali fl-1 ta' Novembru, 2023 li permezz tagħha laqgħet it-talbiet attriċi.

7. Il-konvenuti ħassewhom aggravati b'dik is-sentenza u b'rikors tal-appell tal-1 ta' Diċembru, 2023, għar-raġunijiet hemm mogħtija, interponew appell minnha. Qed jitolbu lil din il-Qorti sabiex "... tħassar, tirrevoka u tirrexxindi s-sentenza fl-ismijiet premessi, u tipprovdi minflok

billi tilqa' l-aggravji tal-esponenti appellanti u tilqa' l-eċċezzjonijiet magħmula fir-risposta għar-rikors ġuramentat promotur, tiċħad it-talbiet tal-attur noe, u dan taħt dawk il-provvedimenti li jidhrulha xierqa u opportuni, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi".

8. B'risposta tal-5 ta' Jannar, 2024 l-atturi, għar-raġunijiet hemm mogħtija, qed jopponu għal dan l-appell.

9. Il-Qorti, wara li rat l-atti kollha tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza bis-saħħa ta' l-**Artikolu 152(5) tal-Kap. 12** tal-Liġijiet ta' Malta.

**Fatti**

10. B'sentenza tas-6 ta' Lulju, 2018 mogħtija mill-**Qorti Distrettwali ta' Nicosia f'Ċipru** fi proċeduri ġudizzjarji bejn l-istess partijiet tal-proċeduri odjerni, **wara ftehim milħuq bejn l-istess partjiet**, l-istess Qorti Ċiprijotta:

(i) Ordnat lil Alain Mangion u lis-soċjetà Credinvest International Corporate Finance Ltd. jħallsu lil Loaonnis Anastassiades u lis-soċjetà Sterforce Investments Ltd s-somma ta' erba' mitt elf ewro (€400,000)

bl-imgħax bir-rata ta' tlieta punt ħamsa fil-mija (3.5%) fis-sena b'effett mis-6 ta' Lulju, 2018 sad-data tal-pagament, *oltre* l-ispejjeż ġudizzjarji;

(ii) Ordnat illi l-effetti tas-sentenza jkunu sospiżi sal-31 ta' Ottubru, 2018, sa liema data l-konvenuti kellhom iħallsu s-somma ta' ħmistax-il elf ewro (€15,000) *oltre* l-VAT, rappreżentanti spejjeż tal-proċeduri ġudizzjarji b'dan illi (a) fin-nuqqas is-somma ta' ħamsa u ħamsin elf ewro (€55,000) issir dovuta immedjatament mill-konvenuti lill-atturi, u (b) u f'każ li s-somma ta' €15,000 *oltre* l-VAT u s-somma ta' €55,000 ma jitħallsux sat-28 ta' Frar, 2019, is-somma intiera ta' €400,000 imsemmija aktar qabel issir dovuta immedjetament.

(iii) Ordnat li fl-eventwalità li s-somma ta' €15,000 (*oltre* l-VAT) u s-somma ta' €55,000 jitħallsu fit-termini fuq imsemmija ie. 28 ta' Frar, 2019, jitqies illi l-konvenuti ħallsu għas-saldu s-*sorte* u l-ispejjeż ordnati bis-sentenza tas-6 ta' Lulju, 2018.

11. Il-konvenuti ma osservawx it-termini stipulati fis-sentenza tal-Qorti Ċiprijotta għaliex effettwaw erba' pagamenti kif ġej:

| | | |
|---|---|---|
| **€5,000.00** | **:** | **fl-4 ta' Marzu, 2019** |
| **€5,000.00** | **:** | **fil-5 ta' Marzu, 2019** |
| **€5,000.00** | **:** | **fl-14 ta' Mejju, 2019** |
| **€50,000.00** | **:** | **fit-23 ta' Settembru, 2020** |

12. Fit-3 ta' Ġunju, 2019 il-Qorti Distrettwali ta' Nicosia f'Ċipru rrilaxxjat "***Certificate Concerning An Authentic Instrument/Court Settlement in Civil and Commericial Matters"*** indikat bħala Annex II b'referenza għal "Article 60 of Regulation (EU) No. 1215/2012 of the European Parliament and of the Council on jurisdiction and the recognition and enforcement of judgments in civil and commercial matters" fejn jiċċertifika d-dettalji tas-sentenza fuq imsemmija li permezz tagħha l-konvenuti ġew ordnati jħallsu lill-attur s-somma ta' €400,000 bil-kundizzjonijiet aktar qabel imsemmija skont ftehim li laħqu l-partijiet. Dan iċ-ċertfikat jiddeskrivi s-suġġett tal-"court settlement" kif isegwi: "Breach of agreement by defendants ... unpaid salaries, damages compensation etc. Having heard whatever was said by the advocates of both sides ... the court by consent ordered and decided that the defendants ... pay together and/or separately to the plaintiffs the sum of 400000Euro ... plus 3.5% interest per annum from the 06/07/2018 until repayment".

13. Fit-8 ta' Mejju, 2020 l-atturi ippreżentaw ir-rikors promotur li ta bidu għal dawn il-proċeduri. Annettew miegħu kopja tas-sentenza/tranżazzjoni ġudizzjarja kif ukoll kopja taċ-ċertifikat imsemmi u talbu lill-Ewwel Qorti sabiex is-sentenza estera "tiġi rikonoxxuta u dikjarata eżegwibbli għall-effetti kollha tal-liġi ta' Malta..." wara li ppremettew *inter alia* illi "... s-sentenza estera fuq riferita għandha tiġi reża eżegwibbli f'Malta skont il-liġi stante li res judicata, u dan ai termini

tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Numru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru, 2000, u tal-artikolu 825A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta". Fis-seduta tal-1 ta' Novembru, 2023, proprju qabel ma nqrat is-sentenza appellata, l-attur *nomine* talab lill-Ewwel Qorti "korrezzjoni fit-talbiet fin-numru tar-Regolament minflok jaqra 44/2001 għandu jaqra EU 1205/2012". L-Ewwel Qorti laqgħet it-talba, ordnat il-korrezzjoni u għaddiet sabiex ippronunzjat is-sentenza finali.

14. Fix-xhieda tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti l-konvenut xehed[1] li huwa ma kellux iħallas is-somma ta' €400,000 u li dik is-somma fis-sentenza tal-Qorti Ċiprijotta kienet hemm bħala deterrent sabiex iħallas dak miftiehem.

15. B'sentenza tal-1 ta' Novembru, 2024 l-Ewwel Qorti laqgħet it-talbiet attriċi wara li għamlet il-konsiderazzjonijiet segwenti:

> "Illi din il-kawża hija bbażata fuq ir-regolament tal-1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Ewropew li jitratta "Jurisdictions And The Recognition and Enforcement Of Judgements In Civil And Commercial Matters' li kif ben tispjega l-intestatura, jiffaċilita' bħal fil-kaz in eżami, li ġudizzju li għadda in ġudikat f'pajjiż Stat Membru jiġi rikonnoxut u enforżat, fi Stat Membru ieħor billi jirrendi aktar faċli r-rikonoxximent ta' l-istess deċiżjoni ukoll leżeġwibbilita' tagħha. Dan ir-regolament ħa post dak li kien r-Regolament 44/2001 misjub aħjar bħala Brussels 1 Regulation.
>
> Dan ir-regolament huwa għodda biex deċiżjoni mogħtija fi Stat Membru jiġi eżegwit fi Stat Membru ieħor mingħajr ma tkun meħtieġa dikjarazzjoni li tali deċiżjoni hija fil-fatt eżekuttiva u hekk eżeġwibbli.

[1] Fol. 63 *et seq*

Rat ukoll s-sentenza tal-Qorti Distrettwali ta' Nicosia kif tradotta u awtentikata2

Rat ukoll iċ-ċertifikat anness.3 Ukoll l-annessi 1 u 2 tar-Regolament, kollu n linea ma l-artikolu 37, 53 u 60 tar-Regolament tas-sena 2015.

Illi Rat ukoll il-prokura li ngħatat li attur noe u konsegwentement tqies li l-ewwel eċċezzjoni mressqa hija sorvolata.4

Ikkunsidrat ulterjorment

Illi r-rikorrenti Ioaonnis Anastassiades presenta l-affidavit tiegħu5 li fih spjega n-natura tal-claim li kienet imressqa kontra l-intimati. Jikkonferma lil Qorti ta' Nicosia ordnat lil Alain Mangion ukoll lil Credinvest International Corporate Finance Limited li jħallsu lilu u lil kumpanija erba' mitt elf ewro inkluż interessi ta' 3.5% annwali. Ordnat ukoll il-pagament mingħand l-intimati ta' ħmistax -il elf ewro bħala spejjeż legali u VAT.

Fl-istess sentenza l-Qorti stabbilit ukoll time-line ta'kif kellu jsir dan il-ħlas. Żmien li skontu ġie maqbul mall-Qorti mill-avukat ta' l-intimati. Igħid lis-sentenza għaddiet in judikat għax ma ġietx appellata.

Jikkonferma ukoll li Alain Mangion wara s-sentenza ħallas s-segwenti somom, dejjem wara però ż-żmien li stipulat l-Qorti għal ħlas:

€15,000 rappresentanti spejjez ġudizzjarji.
€5,000 imħallsa fl-4 ta' Marzu, 2019.
€5,000 imħallsa fil-5 ta' Marzu, 2019.
€5,000 imħallsa fl-14 ta' Mejju, 2019
€50,000 imħallsa fit-23 ta' Settembru, 2020.

Da parti tiegħu l-intimat Alain Mangion6 jikkonferma li hu ħallas is-somma ta €65,000 u dwar l-ammont ta' €400,000 kif deċiż jitkellem iva fuq diskrepanza kbira u penali iebsa, però għalkemm jirrikonoxxi s-sentenza tal-Qorti estera, ma jagħti ebda spjegazzjoni plawsibbli tad-dovut.

Però fil-verita' d-difiża li setgħu jressqu l-intimati għar-rikonnoxximent u enforżar tas-sentenza estera u dak stabbilit mir-regolament applikabbli. Dan huwa ċar mill-artikolu 45 ta' l-istess regolament. L-ebda waħda millistanzi msemmija f'dan l-artikolu ma ġie avvanzat għal konsiderazzjoni ta' din il-Qorti.

Konsegwentement qegħda tilqa t-talba kif dedotta b'dan lir-rikorrenti għandu jieħu n konsiderazzjoni l-pagamenti li ġia saru lilu kif dikjarat minnu bil-ġurament.

Bl-ispejjeż ta' din l-istanza kontra l-intimati."

**L-aggravi**

16. Permezz tar-rikors tal-appell tagħhom il-konvenuti ressqu żewġ aggravji.

17. Permezz tal-ewwel aggravju l-konvenuti jgħidu illi fl-ewwel eċċezzjoni tagħhom huma sostnew li l-atturi kellhom jiċċaraw u jikkjarifikaw il-bażi legali tat-talba tagħhom sabiex ikunu f'pożizzjoni li jippreżentaw risposta dettaljata sabiex jiddefendu ruħhom u jirribattu l-pretensjonijiet tal-atturi. Jgħidu li qed "jirriżervaw id-dritt li jippreżentaw risposta ulterjuri meta issir din il-kjarifika da parti tar-rikorrent noe." Jgħidu illi mir-rikors promotur ma kien xejn ċar jekk il-bażi legali tal-azzjoni attriċi kien ir-Regolament tal-Kunsill Ewropew numru 44/2001 jew kienx il-Kap. 12 tal-liġijiet ta' Malta. Jgħidu illi mir-rikors promotur l-atturi ppremettew illi s-sentenza estera għandha tiġi reża eżegwibbli f'Malta *ai termini* tar-Regolament tal-Kunsill (KE) numru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 u tal-Artikolu 825A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Jgħidu illi t-talba tal-atturi u l-premessi fir-rikors promotur "ma jirriflettux il-proċedura maħsuba fil-liġi applikabbli għall-iskopijiet ta' rikonoxximent u enforzar ta' sentenzi esteri f'Malta", u dan għar-raġunijiet segwenti: (i) ir-Regolament tal-Kunsill numru 44/2001 ma kienx għadu *in vigore* meta ġie intavolat ir-rikors promotur peress li kien sostitwit bil-Regolament nru 1205/2012; (ii) skont iż-żewġ regolamenti ma hi meħtieġa l-ebda

proċedura speċjali għar-rikonoxximent ta' sentenza estera mogħtija minn qorti fi stat ieħor membru tal-Unjoni Ewropea; u li fi kwalunkwe każ ma kienx meħtieġ rikors ġuramentat; (iii) illi ġialadarba r-Regolament numru 44/2001 ma kienx għadu fis-seħħ ma setax jifforma l-bażi legali tat-talba tal-atturi bil-konsegwenza illi t-talba attriċi għandha titqies taħt il-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta; (iv) illi Artikolu 825A tal-Kap. 12 ma hux applikabbli għal dan il-każ. Jgħidu illi din il-konfużjoni fir-rikors promotur ġab preġudizzju lill-konvenuti peress li ma setgħux iwieġbu b'mod siewi għat-talba attriċi la fir-risposta għall-att promotur u lanqas waqt is-smigħ.

18. Jilmentaw ukoll il-konvenuti illi meta l-Ewwel Qorti ordnat il-korrezzjoni fl-att promotur ma tat l-ebda opportunità lill-konvenuti jirregolaw il-pożizzjoni tagħhom u lanqas ordnat li l-att promotur jiġi notifikat mill-ġdid.

19. L-appellati jirribattu dan l-aggravju billi jgħidu illi meta saret it-talba għall-korrezzjoni l-konvenuti ma ressqu l-ebda oppożizzjoni u għalhekk minħabba nuqqas ta' kontestazzjoni l-atturi ġew li aċċettaw il-korrezzjoni li wara kollox hija *in linea* mal-eċċezzjonijiet tagħhom.

Ikkunisidrat;

20. Dwar l-ewwel parti tal-ewwel aggravju fejn l-appellanti jilmentaw illi l-Ewwel Qorti ordnat korrezzjoni fl-att promotur ftit minuti biss qabel ma

ppronunzjat is-sentenza appellata, din il-Qorti tqis tali aggravju bħala mhux fondat. Fl-ewwel lok jirriżulta illi meta f'dik is-seduta l-atturi talbu lill-Qorti tawtorizza l-korrezzjoni, l-avukat tal-konvenuti ma oġġezzjonatx. Minn qari tal-verbal relattiv din il-Qorti tifhem illi ġialadarba ma kien hemm l-ebda objezzjoni espressa mill-konvenuti l-Ewwel Qorti kkonsidrat it-talba bl-intendiment li ma kien hemm l-ebda objezzjoni. Fit-tieni lok, jirriżulta illi wara li l-Ewwel Qorti ordnat il-korrezzjoni mitluba, l-avukat tal-konvenuti ma talbitx li l-att promotur korrett jiġi notifikat lill-patroċinati tagħha. *Di piu'*, lanqas talbet illi *in vista* tal-korrezzjoni l-konvenuti riedu jressqu eċċezzjonijiet ulterjuri kif kienu rriżervaw li jagħmlu fir-risposta tagħhom għall-att promotur.

21. Mhux fejjiedi li issa wara li ngħatat is-sentenza appellata l-konvenuti jilmentaw li ma ġewx notifikati mill-ġdid bl-att promotur korrett u li ma kellhomx ċans jippreżentaw eċċezzjonijiet ulterjuri. Il-liġi ritwali tipprovdi illi l-Qorti tista', f'kull waqt tal-kawża, qabel is-sentenza, wara talba ta' waħda mill-partijiet, wara li tisma' meta jeħtieġ lill-partijiet, tordna fost l-oħrajn li jissewwa kull żball jew li jiddaħħlu fl-atti ħwejjeġ oħra ta' fatt jew ta' dritt ukoll permezz ta' nota separata, sakemm sostituzzjoni jew tibdil bħal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-meritu tal-kawża (**Art. 175 (1), Kap. 12**). It-tibdil fl-att promotur, għalkemm biddel ir-Regolament Ewropew li fuqu ġiet imsejsa l-kawża, tajjeb jew ħażin ma biddilx is-sustanza tal-azzjoni għaliex it-talba għal

rikonoxximent u dikjarazzjoni ta' eżegwibilità tas-sentenza estera baqgħet bla mittiefsa.

22. Lanqas tqis li tali korrezzjoni ġabet tibdil fis-sustanza tal-eċċezzjoni. Meta ġew notifikati bir-rikors promotur il-konvenuti mill-ewwel kienu konsapevoli illi fir-rikors promotur ġie ċċitat regolament ewropew li ma kienx għadu *in vigoret*; anke għaliex id-dokument *Annex II* anness mar-rikors promotur u notifikat lill-konvenuti kien kjarament jiddikjara li dak iċ-ċertifikat rilaxxjat mill-Qorti Ċiprijotta kien qed jinħareġ *ai termini* tal-Artikolu 60 tar-Regolament Ewropew 1215/2012. Il-korrezzjoni awtorizzata mill-Ewwel Qorti ma ġabet l-ebda tibdil fis-sustanza tal-eċċezzjoni.

**23. Għalhekk tqis din l-ewwel parti tal-ewwel aggravju bħala mhix siewja u qed tiġi miċħuda.**

24. Fit-<u>tieni parti tal-ewwel aggravju</u> tagħhom il-konvenuti jilmentaw ukoll illi skont ir-Regolamenti Ewropej 1215/2012 ma hi meħtieġa l-ebda proċedura speċjali għar-rikonoxximent ta' sentenza estera mogħtija minn qorti fi stat ieħor membru tal-Unjoni Ewropea. Fir-risposta tagħhom l-atturi appellati ma jindirizzawx dan l-aggravju.

25. Sabiex nikkonsidraw din il-parti tal-ewwel aggravju mhux barra minn loku li qabel xejn brevement inqisu xi aċċenni storiċi li wasslu għar-**Regolament (UE) 1205/2012 Brussels I (Recast)**

26. Lura fis-27 ta' Settembru, 1968 **il-Konvenzjoni ta' Brussell** stabbilixxiet qafas uniformi dwar tliet aspetti ewlenin ta' litigazzjoni lil hinn mill-fruntieri nazzjonali f'materji ċivili u kummerċjali: (1) ġurisdizzjoni; (2) proċeduri paralleli (eż. lis pendens); (3) ir-rikonoxximent reċiproku u l-infurzar tas-sentenzi minn pajjiż stat membru fi stat membru ieħor. L-għan ewlieni ta' dik il-konvenzjoni kien li jippromwovi l-aċċess għall-ġustizzja fil-litigazzjoni transkonfinali billi toħloq struttura uniformi għall-moviment ħieles tas-sentenzi bil-għan li jitnaqqsu l-ispejjeż u r-riskji inerenti f'negozji transkonfinali. Il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Frar, 1973 bejn is-sitt stati fundaturi ta' dak iż-żmien il-Komunità Ekonomika Ewropea. Il-Konvenzjoni kienet tifforma parti mill-*acquis communautaire* li l-istati membri ġodda kellhom jaderixxu magħha.

27. F'Marzu 2002 l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea adottaw ir-Regolament 44/2001 (**Brussels I**) "***Council Regulation (EC) No 44/2001 of 22 December 2000 on jurisdiction and the recognition and enforcement of judgments in civil and commercial matters*"**, li ħa post il-Konvenzjoni ta' Brussell tal-1968. Dan ir-Regolament estenda l-kamp ta' applikazzjoni u b'mod partikolari issimplifika r-reġim dwar ir-

rikonoxximent reċiproku u l-infurzar tas-sentenzi fil-konfini tal-Unjoni Ewropea.

**Eżegwibilità Awtomatika**.

28. Finalment l-istituzzjonijiet ewropew adottaw ir-Regolament 1215/2012 "**Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Diċembru, 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (Riformulazzjoni)**" li ħa effett fl-10 ta' Jannar, 2015. Ir-Regolament riformulat (recast), filwaqt li ġie strutturat fuq l-istess linji u prinċipji tar-Regolament tal-2001, introduċa diversi bidliet fuq dak preċedenti fosthom emendi għar-regoli relatati mal-ftehimiet ta' ġurisdizzjoni; jippermetti lil qorti ta' Stat Membru maħtura fi ftehim ta' ġurisdizzjoni li tipproċedi biex tiddetermina t-tilwima, anke jekk il-proċedimenti jkunu nbdew l-ewwel quddiem il-qrati ta' Stat Membru ieħor; u abolixxa l-proċedimenti tal-*exequatur* u ssimplifika aktar ir-rikonoxximent reċiproku u l-infurzar tas-sentenzi.

29. Kif rajna aktar qabel, mar-rikors promotur ġie anness ċertifikat *ai termini* tar-Regolament (UE) 1215/2012 rilaxxjat mill-Qorti Distrettwali ta' Nicosia f'liema ċertifikat jingħad illi d-deċiżjoni tal-Qorti Ċiprijotta hija "Court Settlement" mogħtija fis-6 ta' Lulju, 2018. Jispeċifika wkoll illi d-

deċiżjoni ngħatat mill-Qorti "by consent". Sentenza mogħtija minn organu ġudizzjarju *ai termini* ta' ftehim milħuq bejn il-partijiet. Tant illi f'dan il-każ iċ-ċertifikat maħruġ mill-qorti estera ma hux imsejjes fuq Annex I tar-Regolament imma fuq Annex II intitolat "**Certificate Concerning an Authentic Instrument/Court Settlement in Civil and Commercial Matters**".

30. Tranżazzjonijiet Ġudizzjarji huma kontemplati taħt Kapitolu IV tar-Regolament.

31. "**Tranżazzjoni Ġudizzjarja"** fit-termini tar-Regolament tfisser ftehim li ġie approvat minn qorti ta' Stat Membru jew li ġie konkluż quddiem qorti ta' Stat Membru matul il-proċedimenti filwaqt li "**Strument Awtentiku**" tfisser dokument li ġie abbozzat jew irreġistrat formalment bħala strument awtentiku fl-Istat Membru tal-oriġini u li l-awtentiċità tiegħu tkun relatata mal-firma u l-kontenut tal-istrument, u ġiet stabbilita minn awtorità pubblika jew minn kwalunkwe awtorità oħra mogħtija s-setgħa għal dak il-għan.[2]

32. Tranżazzjoni ġudizzjarja li tkun eżegwibbli fl-Istat Membru tal-oriġini għandha tkun eżegwita fl-Istati Membri l-oħra.[3]

---

[2] Art. 2, Kap. I, Regolament (UE) 1215/12
[3] Art. 59, Kap. IV, Regolament (UE) 1215/12

33. L-awtorità kompetenti jew qorti tal-Istat Membru tal-oriġini għandha toħroġ, fuq it-talba ta' xi parti interessata, iċ-ċertifikat skont il-formola stabbilita fl-**Anness II** li jkun jinkludi taqsira tal-ftehim bejn il-partijiet irreġistrati fit-tranżazzjoni ġudizzjarja.[4]

34. L-ebda legalizzazzjoni jew formalità simili oħra m'għandha tkun meħtieġa għal dokumenti maħruġa fi Stat Membru fil-kuntest ta' dan ir-Regolament.[5] B'dan ir-Regolament ġiet superata d-distinzjoni konċettwali, frott it-tradizzjoni dualistika fid-dritt proċesswali ċivili internazzjonali, bejn l-attività ta' *jurisdictio* tal-Istat u dawk eżekuttivi, espressjoni tal-*imperium* tal-Istat.[6] It-teknika tar-rikonoxximent awtomatiku statwit bid-Direttiva timponi li l-prodott ġudizzjarju tal-qorti estera ewropea jiġi valutat skont ma jitqies fl-ordinament ġuridiku tal-oriġini fejn ikun ġie enunzjat.

35. Il-qorti li quddiemha jiġi nvokat ir-rikonoxximent ta' sentenza mogħtija fi Stat Membru ieħor tista' tissospendi l-proċedimenti kollha jew tissospendi parti minnhom jekk (i) is-sentenza tiġi kontestata fl-Istat Membru ta' oriġini; jew (ii) tiġi ppreżentata talba għal deċiżjoni li m'hemm l-ebda raġuni għal rifjut ta' rikonoxximent kif imsemmi fl-Artikolu 45 tar-

[4] Art. 60, Kap. IV, Regolament (UE) 1215/12
[5] Art. 61, Kap. V, Regolament (UE) 1215/12
[6] **De Cristofaro**, ***La crisi del monopolio statale dell'imperium all'esordio del titolo esecutivo europeo***, in Int'l Lis, 2004, 141 ss.

Regolament jew għal deċiżjoni li r-rikonoxximent jiġi rifjutat fuq il-bażi ta' waħda minn dawk ir-raġunijiet.[7]

36. Għall-finijiet tal-eżekuzzjoni ta' sentenza fi Stat Membru mogħtija fi Stat Membru ieħor, ir-rikorrent għandu jipprovdi lill-awtorità ta' eżekuzzjoni kompetenti kopja tas-sentenza li tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex tiġi stabbilita l-awtentiċità tagħha u ċ-ċertifikat maħruġ skont Artikolu 53 (sentenzi) jew skont Artikolu 60 (tranżazzjonijiet ġudizzjarji) tar-Regolament li jiċċertifika li s-sentenza hija eżegwibbli u li jkun fih silta mis-sentenza kif ukoll informazzjoni dwar l-ispejjeż. L-awtorità ta' eżekuzzjoni tista' tkun teħtieġ li r-rikorrent jipprovdi traduzzjoni tas-sentenza biss jekk ma tkunx tista' tipproċedi mingħajr din it-traduzzjoni. [8]

37. Meta tintalab l-eżekuzzjoni ta' sentenza mogħtija fi Stat Membru ieħor, iċ-ċertifikat maħruġ skont Artikolu 53 jew Artikolu 60 għandu jkun notifikat lill-persuna li kontra tagħha qed tintalab l-eżekuzzjoni qabel l-ewwel miżura ta' eżekuzzjoni. Dan iċ-ċertifikat għandu jkun akkumpanjat mis-sentenza, jekk din ma tkunx diġà ġiet innotifikata lil dik il-persuna.[9]

---

[7] Art. 38, Kap. III, Regolament (UE) 1215/12
[8] Art. 42, Kap. III Reg. (UE) 1215/12
[9] Art. 43, Kap. III Reg. (UE) 1215/12

38. Kull persuna li kontra tagħha qed tintalab l-eżekuzzjoni ta' sentenza mogħtija fi Stat Membru ieħor u kull parti interessata oħra tista' titlob lill-qorti tal-Istat Membru indirizzat sabiex tirrifjuta r-rikonoxximent tas-sentenza għal diversi raġunijiet fosthom jekk dak illi r-rikonoxximent ikun manifestament kontra l-istrateġija pubblika (*ordre public*) tal-Istat Membru indirizzat.[10]

39. It-talba għal rifjut ta' eżekuzzjoni għandha tiġi ppreżentata lill-qorti fl-Istat Membru indirizzat u mhux fl-Istat Membru ta' oriġini. Il-proċedura għal rifjut ta' eżekuzzjoni għandha, sakemm mhux koperta mir-Regolament, tiġi rregolata bil-liġi tal-Istat Membru indirizzat.[11]

40. <u>Applikazzjoni lill-qorti sabiex tiddikjara eżegwibbli sentenza mogħtija fi Stat Membru ieħor ma hiex proċeduralment permissibbli aktar; anke għaliex proprju timmina l-iskop kollu tar-Regolament 1215/2012.</u>

41. Hemm żewġ proċeduri distinti disponibbli. Il-proċedura disponibbli lil min irid jattakka s-sentenza estera u proċedura għal min irid jenforza s-sentenza estera.

**Motivi 'Ostativi'**

42. Jingħad hekk fil-preliminari tad-Direttiva:

---

[10] Art. 45, Kap. III Reg. (UE) 1215/12
[11] Art. 47, Kap. III Reg. (UE) 1215/12

> "L-eżekuzzjoni diretta fl-Istat Membru indirizzat minn sentenza mogħtija fi Stat Membru ieħor mingħajr dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà m'għandhiex tipperikola l-osservanza tad-drittijiet tad-difiża. Għalhekk, il-persuna li kontriha jkun qed titfittex l-eżekuzzjoni għandha tkun tista' tapplika għar-rifjut tar-rikonoxximent jew l-eżekuzzjoni ta' sentenza jekk din tqis li jkun hemm preżenti raġuni waħda għar-rifjut tar-rikonoxximent. ……..".[12]

43. Min irid jenforza deċiżjoni transkonfinali għandu l-jedd li qabel jipproċedi għall-eżekuzzjoni direttament, jitlob qabel xejn lill-qorti fl-Istat Membru rikjest li tiddikjara "**li m'hemm l-ebda raġuni għal rifjut ta' rikonoxximent kif imsemmi fl-Artikolu 45.**"[13] Din ma hiex talba fil-forma ta' *exequatur* kif kienet taħt ir-Regolament preċedenti imma domanda fin-negattiv. B'hekk titfa' l-oneru ta' prova fuq il-konvenut. U l-eċċezzjonijiet li jistgħu jitressqu kontra tali talba, meqjusa mill-ġuristi bħala 'motivi ostativi', huma limitati b'dak li jipprovdi **Artikolu 45**:

(a) jekk dak ir-rikonoxximent ikun manifestament kontra l-istrateġija pubblika (ordre public) tal-Istat Membru indirizzat;

(b) meta s-sentenza tingħata b'kontumaċja, jekk il-konvenut ma kienx ġie notifikat bid-dokument li jkun fetaħ il-proċedimenti jew b'dokument ekwivalenti fi żmien suffiċjenti u b'tali manjiera li dan ikun jista' jħejji għad-difiża tiegħu, sakemm il-konvenut ma jkunx naqas milli

[12] Para 29
[13] Art. 36 (2), Reg. (UE) 1215/2012

jibda l-proċedimenti biex jikkontesta s-sentenza meta kien possibbli għalih li jagħmel hekk;

(c) jekk is-sentenza tkun irrikonċiljabbli ma' sentenza mogħtija bejn l-istess partijiet fl-Istat Membru indirizzat;

(d) jekk is-sentenza tkun irrikonċiljabbli ma' sentenza mogħtija aktar kmieni fi Stat Membru ieħor jew fi Stat terz li jinvolvi l-istess kawża ta' azzjoni u bejn l-istess partijiet, dment li s-sentenza preċedenti tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa għar-rikonoxximent tagħha fl-Istat Membru indirizzat; jew

(e) jekk is-sentenza tkun f'konflitt ma':

(i) it-Taqsimiet 3, 4 jew 5 tal-Kapitolu II fejn id-detentur tal-polza tal-assigurazzjoni, l-assigurat, il-benefiċjarju tal-kuntratt ta' assigurazzjoni, il-parti li tkun ġarrbet il-ħsara, il-konsumatur jew l-impjegat kien il-konvenut; jew

(ii) it-Taqsima 6 tal-Kapitolu II.

44. Huwa aċċettat li ma' dawn jiżdiedu (i) ir-rekwiżit tal-eżekutorjetà fil-pajjiż tal-oriġini previst fl-Artikolu 39 tar-Regolament; (ii) li l-mertu tas-

sentenza estera jaqa' fil-kamp ċivili jew kummerċjali;  u (iii) li l-Anness I u l-Anness II huma effettivament maħruġa minn awtorità ġuriżdizzjonali.

45. L-azzjoni tal-"kreditur" u l-azzjoni tad-"debitur" huma żewġ faċċati tal-istess munita, it-tnejn imsejsa fuq ir-raġunijiet ta' rifjut kontemplati f'Artikolu 45. U d-deċiżjoni fuq talba għar-rifjut tar-rikonoxximent hija appellabbli.[14] Id-Direttiva hija siekta dwar jekk hemmx jedd ta' appell minn deċiżjoni dwar talba sabiex il-qorti ssib li ma hemmx raġunijiet sabiex is-sentenza estera ma tiġiex eżegwita.

46. Applikat ir-Regolament 1215/2012 għall-mertu tal-appell quddiemna, huwa mill-aktar evidenti illi l-proċedura esperita mill-atturi f'dawn il-proċeduri ma hiex azzjoni tax-xorta kontemplata f'dan ir-Regolament; anzi tmur dijametrikament kontra d-dispożizzjonijiet applikabbli u kontra l-ispirtu tal-istess Regolament.

47. Kif jirriżulta mill-atti, b'mod partikolari mill-kopja tas-sentenza tal-Qorti Distrettwali ta' Nicosia tas-6 ta' Lulju, 2018, il-kawża bejn il-partijiet quddiem dik il-qorti kienet ilha pendenti mis-sena 2009. Jirriżulta minn dik is-sentenza li wara disa' snin f'litigazzjoni il-partijiet ittransiġew il-mertu u l-Qorti Ċiprijotta ddikjarat illi kienet qed tippronunzja sentenza "BY CONSENT ORDER". Isegwi illi dik is-sentenza ma tikkwalifikax

[14] Art. 49 Regolament 1215/2012

bħala sentenza kontemplata taħt Kapitolu III tar-Regolament (UE) iżda bħala sentenza (Tranżazzjoni Ġudizzjarja) kontemplata taħt Kapitolu IV tar-Regolament (UE). Ir-Regolament (UE) jipprovdi illi meta *si tratta* ta' Tranżazzjoni Ġudizzjarja l-awtorità fl-Istat Membru ta' oriġini għandu jirrilaxxa ċ-ċertifikat Annex II, kif fil-fatt seħħ f'dan il-każ.

48. Bis-saħħa tad-Direttiva, Annex II rilaxxjata mill-Qorti Ċiprijotta hija enforzabbli direttament fil-ġurisdizzjoni Maltija mingħajr il-ħtieġa tal-ebda azzjoni ta' rikonoxximent kif intavolata mill-atturi. L-azzjoni li skont id-Direttiva kienet għad-dispożizzjoni tal-atturi ma kinitx dik minnhom intavolata fejn qed jitolbu lill-Qorti tirrikonoxxi s-sentenza estera u tiddikjaraha eżegwibbli għall-effetti kollha tal-liġi Maltija. Din hija l-proċedura li r-Regolament (UE) 1215/2012 proprju abolixxa, il-proċedura tal-*exequatur* eżistenti taħt ir-Regolament (UE) 44/2001. Jidher illi meta istitwew il-kawża odjerna l-atturi ma kienux konsapevoli illi r-Regolament (UE) 44/2001 kien ġie superat bir-Regolament 1215/2012 u għalhekk waqgħu fl-iżball illi adixxew lill-Qorti bi proċedura tal-*exequatur* li kienet ilha s-snin abrogata.

49. F'dawn iċ-ċirkostanzi l-Qorti ma għandha l-ebda diskrezzjoni. Mhux mogħti lilha d-diskrezzjoni li tapplika proċedura li ma hix fit-termini tad-Direttiva 1215/12 li fuqha hija msejsa t-talba attriċi.

50. Għaldaqstant għandhom raġun l-appellanti f'dan l-aggravju jilmentaw illi t-talba tal-atturi u l-premessi fir-rikors promotur ma jirriflettux il-proċedura maħsuba fid-Direttiva applikabbli għall-enforzar ta' sentenzi mogħtija fi Stat Membru ieħor. Tilqa' għalhekk dan l-aggravju.

51. Peress li l-akkoljiment ta' dan l-ewwel aggravju ser iwassal għall-akkoljiment ta' dan l-appell; mhux meħtieġ li nikkonsidraw ukoll it-tieni aggravju.

**Decide.**

**Għal dawn ir-raġunijiet** din il-Qorti qed tilqa' dan l-appell, tħassar is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-1 ta' Novembru 2023 fl-ismijiet premessi, u filwaqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, tiddikjara l-proċedura istitwita mill-atturi bħala mhux konformi mar-Regolament (UE) 1215/2012, u konsegwentement tiċħad it-talbiet attriċi.

**Bl-ispejjeż** taż-żewġ istanzi kontra l-atturi.

| Mark Chetcuti | Robert G. Mangion | Grazio Mercieca |
| --- | --- | --- |
| Prim Imħallef | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
da